MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 243/2013

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Albert BORG [ID. Nru. 838147M] ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali Bargain Holidays Limited [C-8565]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn hames mija erbgha u tmenin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€2,584.99] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn hames mija erbgha u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€2,584.99) skont prospett hawn anness u markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma diversi servizzi tat-telefon elenkati ukoll

f'dokument A numru tal-kont A/C10209846 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mit-22 ta' Dicembru 2010 kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-8 ta' Jannar, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta' Jannar, 2014 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn hames mija erbgha u tmenin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€2,584.99], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------